



Dokument ta' sessjoni

B8-1334/2015

13.11.2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istabbiliment ta' regolamentazzjoni Ewropea dwar ir-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed mill-ktajjen tas-supermarkets

Aldo Patriciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-istabbiliment ta' regolamentazzjoni Ewropea dwar ir-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed mill-ktajjen tas-supermarkets

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2014 bit-titolu "Tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari: programm ta' skart zero għall-Ewropa",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari teħtieġ it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, u tibdil fl-istili ta' ħajja, il-konsum u sistemi ta' produzzjoni;
- B. billi, meta mqabbla mas-795 miljun persuna fid-dinja li m'għandhomx biżżejjed riżorsi tal-ikel, fl-Ewropa jinħela u jintilfu tunnelli ta' ikel tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel;
- C. billi l-Kummissjoni diġà qed tinvestiga l-kwistjoni tat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel permezz ta' kooperazzjoni ma' esperti tal-industrija agroalimentari, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-Istati Membri;
- D. billi ġie stabbilit *Grupp ta' Ħidma dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel*, bil-għan li jappoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam;
1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-adozzjoni ta' regolament Ewropew bil-ħsieb li jirregola, jissimplifika u jħeġġeġ id-donazzjoni u r-ridistribuzzjoni tal-eċċess u l-prodotti tal-ikel mhux mibjugħa jew bi skadenza qasira mill-ktajjen tas-supermarkets għal dawk li qed jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi u soċjali.